# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar It-Tlieta, 21 ta' Novembru 2000**

**Numru 1**

**Rikors Nru. 725/99 DS**

Onorevoli Imhallef Dottor Anton Depasquale
vs
Avukat Generali

Illum, 21 ta' Novembru 2000

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promoturipprezentat fid-19 ta' Novembru 1999 li permezz tieghu r-rikorrent wara li ppremetta:

1. Illi b'att ta' citazzjoni pprezentat f'dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "l-Onor. Imhallef Dr. Anton Depaasquale *versus* L-Onor. Prim Ministru" (Citaz. Nru. 780/95), l-esponent talab illi jigi dikjarat u deciz illi l-Artikoli 101A (11) (d) (f) u (13) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 8 u 9 tal-Att XI tal-1994 huma nulli u bla effett;

2. Illi b'sentenza tad-29 ta' Jannar 1999 dina l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba ta' l-esponent;

3. Illi l-esponent appella mill-istess sentenza quddiem l-Onorbbli Qorti Kostituzzjonali komposta mill-Unur Tieghu l-Prim Imhallef Dottor Joseph Said Pullicino, u mill-Onorevoli Mhallfin Dottor Carmel A. Agius u Dottor Joseph D. Camilleri;

4. Illi fis-17 ta' Marzu 1999 l-Onorevoli Mhallef Dottor Joseph D. Camilleri astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess appell;

5. Illi fl-24 ta' Marzu 1999 l-Eccellenza Tieghu l-President tar-Repubblika ssurroga lill-Onorevoli Mhallef Dottor Joseph A. Filletti biex jisma' l-istess appell minflok l-imsemmi Onorevoli Mhallef Dottor Joseph D. Camilleri;

6. Illi l-imsemmija surroga twettqet fuq il-parir tal-ministru responsabbli mill-gustizzja (kif jirrizulta mix-xhieda tal-Onorevoli Ministru Dottor Austin Gatt moghtija waqt l-udjenza tal-25 ta' Marzu 1999 fl-istess proceduri ta' l-appell) u wara r-rakkomandazzjoni tal-Unur Tieghu l-Prim Imhallef (kif jirrizulta mill-istess surroga), u dan ai termini tal-artikolu 101A (13) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi b'digriet tat-8 ta' April 1999 fl-istess proceduri ta' l-appell, giet milqugha eccezzjoni ta' rikuza maghmula mill-esponent fil-konfront ta' l-Unur Tieghu l-Prim Imhallef u ta' L-Onerevoli Mhallef Dottor Carmel A. Agius, billi huma kienu taw parir dwar materja li ghandha x'taqsam mal-kawza;

8. Illi fil-15 ta' April 1999 l-Eccellenza Tieghu il-President tar-Repubblika ssurroga lill-Onorevoli Mhallfin Franco Depasquale u Dottor Alberto J. Magri bies jisimghu l-istess appell minflok l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef u l-Onorevoli Mhallef Dottor Carmel A. Agius;

9. Illi s-surroga msemmija fil-paragrafu precedenti twettqet fuq il-parir tal-ministru responsabbli mill-gustizzja (kif jirrizulta mix-xhieda tal-Onorevoli Ministru Austin Gatt moghtija waqt l-udjenza tal-21 ta' Mejju 1999 fl-istess proceduri ta' l-appell) wara r-rakkomandazzjoni tal-Unur Tieghu l-Prim Imhallef (kif jirrizulta mill-istess surroga), u dan ai termini tal-artikolu 101A(13) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Illi b'effett ta' dawn is-surrogi l-appell ta' l-esponent sejjer jinstema' u jigi determinat minn qorti illi l-gudikanti li jikkomponuha gew specifikament maghzulin ghal dan l-iskop fuq il-parir tal-parti avversarja, u ghalhekk l-esponent ma jistax ikollu smigh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali;

11. Illi l-esponent anqas ma jista' jkollu smigh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali meta, b'effett ta' l-istess surrogi, l-appell tieghu sejjer jinstema' u jigi determinat minn qorti illi l-gudikanti li jikkomponuha ntaghzlu skond ir-rakkomandazzjoni tal-Unur Tieghu l-Prim Imhallef, u dana kemm (1) stante li l-istess appell ta' l-esponent huwa intiz sabiex *inter alia* jigu dikjarati nulli u bla effett disposizzjonijiet tal-ligi li jaghtu poteri lill-istess Prim Imhallef, kif ukoll (2) stante li, kif gja' inghad, giet milqugha l-eccezzjoni ta' rikuza ta' l-Unur Tieghu l-Prim Imhallef billi huwa kien ta parir dwar materja li ghandha x'taqsam mal-kawza ta' l-esponent;

12. Illi dan jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-esponent protetti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

talab lil din il-Qorti li taghtih ir-rimedji kollha xierqa biex tizgura t-twettiq ta' l-imsemmija Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, billi fost l-ohrajn tiddikjara illi l-mod kif saru s-surrogi fuq imsemmija ma jaghtix garanzija ta' smigh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali, u taghti kull rimedju iehor li jidhrilha xieraq.

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta ta' l-intimat fejn qal:

1 Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni taghti xi ordni jew provvediment iehor li jorbot il-Qorti Kostituzzjonali, u li l-vertenza mqajjma bir-rikors *de quo* giet imqajma quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u ghandha tigi decizjoni minnha;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ghandu r-rappresentanza guridika tal-Gvern, izda mhux tal-Qorti Kostituzzjonali, u allura l-kawza ma kelliex tigi prosegwita kontra tieghu.

3. Illi fil-mertu jekk l-Imhallfin li llum qed jikkomponu l-Qorti Kostituzzjonali ghandhom interess fil-mertu, jezisti ir-rimedju tar-rekuza, jekk ma jezistix dak l-interess din il-kawza mhi xejn hlief tentattiv biex tinsabbja procedura biex il-vertneza principali li ilha ghaddejja dawn l-ahhar hames snin ma tigix rizolta a vantagg ta' min qieghed igawdi mis-sitwazzjoni anomola li tqajmet fiha.

4. Illi f'kull kaz il-vertenza imqajma hi frivola u vessatorja u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-surroga li saret fil-11 ta' April 2000 li permezz taghha din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta u dan wara li kienu astjenew milli jkomplu jiehdu konjizzjoni taghha l-Onorevoli Imhallef Albert Magri (nota ta' astensjoni ta' l-24 ta' Novembru 1999 a fol. 3) u l-Onorevoli Imhallef Vincent DeGaetano (digriet tat-30 ta' Marzu 2000 a fol. 72);

Rat in-noti li saru mill-partijiet, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

***Dwar l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat***

Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat qieghed iqajjem zewg punti:

(1) li din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni li b'xi mod torbot lill-Qorti Kostituzzjonali, u
(2) li l-vertenza li qajjem ir-rikorrent b'dan ir-rikors, tqajmet quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u ghalhekk ghandha tigi deciza minnha.

Il-Qorti se tittratta l-ewwel it-tieni punt, cioe` dak fejn l-intimat qieghed jippretendi li galadarba din il-vertenza qamet quddiem il-Qorti Kostituzzjonali allura jmissha giet deciza minnha. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu r-rikorrent jippuntwalizza li s-sottomissjoni ta' l-intimat li l-vertenza in ezami tqajmet quddiem il-Qorti Kostituzzjonali hija zbaljata peress li kull ma ghamel kien li talab lill-Qorti Kostituzzjonali taghtih zmien biex jistitwixxi kawza kostituzzjonali, u ghamel referenza ghall-verbali relattivi li saru fil-25 ta' Marzu 1999 u fil-21 ta'Mejju 1999. Ghalhekk jissottometti li dak odjern huwa "kawza litigandi gdida u indipendenti". Skond l-intimat, il-kwistjoni odjerna kellha tigi deciza mill-Qorti Kostituzzjonali stess.

Issir ghalhekk riferenza l-ewwelnett ghal dak li l-Kostituzzjoni taghna stess tipprovdi fl-artikolu 46:

> *"(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, ... tista', bla hsara*

*ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju."*

Jigifieri huwa sufficjenti li persuna tallega li xi wiehed mid-drittijiet fundamentali tieghu ser tigi miksura sabiex jitlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tiehu konjizzjoni ta' l-ilment tieghu. Mir-rikors promotur huwa evidenti li r-rikorrent qieghed jadixxi din il-Qorti skond kif inhuwa previst fl-imsemmi artikolu. U l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fir-rigward ta' l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali hi mbaghad sanata fis-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu 46:

*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna".*

Huwa veru li meta wiehed imbaghad jezamina s-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu 46 jidher li meta tqum kwistjoni dwar ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet fundamentali tal- bniedem quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, hi stess tista' tiddisponi mill-kwistjoni mqajma. Din il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Difatti s-subartikolu (3) ghandu jigi interpretat li jaghti gurisdizzjoni kemm lill-Prim'Awla f'Sede Kostituzzjonali kif ukoll lill-Qorti Kostituzzjonali biex jiddeterminaw kwistjonijiet li jqumu quddiemhom dwar il-ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45, mentri Qrati ohra "ghandhom" jibaghtu l-kwistjoni quddiem l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Sede Kostituzzjonali. Kif pero` tajjeb irriteniet din il-Qorti kif diversament presjeduta f'kawza ohra fl-istess ismijiet (Rikors Nru. 736/00) deciza fl-4 ta' Settembru 2000: "Din il-gurisdizzjoni pero` ma ghandhiex u ma tistax tigi interpretata b'mod illi twassal biex iccahhad id-dritt moghti lill-individwu taht is-subartikolu (1) ta' l-istess Artikolu 46" u "Dan il-principju huwa konformi mhux biss ma' l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni izda wkoll mas-subartikolu (4) ta' l-istess Artikolu 46."

Dwar il-punt sollevat mill-intimat li din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni torbot il-Qorti Kostituzzjonali, huwa sufficjenti li ssir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali stess fil-15 ta' Marzu 1996 fil-kawza fl-ismijiet "Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et" fejn gie deciz hekk:

*"Finalment il-Qorti tinnota li dan hu proprju l-kaz klassiku fejn zball, zvista jew nuqqas tal-Qorti Kostituzzjonali seta' jigi rettifikat kieku kien*

*accessibbli ghal-litiganti rimedju taht il-procedura ta' ritrattazzjoni f'dan l-istadju. Dan mill-istess Qorti u bl-applikazzjoni ta' provvedimenti procedurali li jaghtu rimedju taht il-ligi ordinarja tal-procedura.* ***Mhux allura bl-anomalija li qorti ta' grad inferjuri tinvestiga l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali – bhala qorti ta' l-ewwel istanza – u dana taht id-dell tqil ta' akkuza li ivvjolat id-drittijiet fundamentali tac-cittadin li hi fid-dover taghha li thares. Dana jinghad naturalment bla ma jitnaqqas xejn mill-valur tal-principju li kulhadd hu soggett ghall-istess ligi u li anke l-Qorti jew komponenti taghha jistghu jkunu msejha jirrispondu ghal allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza bl-ismijiet 'Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et' deciza fis-6 ta' April 1995.*** *"*

Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddipartixxi minn tali pronunzjament; wara kollox kull Qorti, anke l-istess Qorti Kostituzzjonali, hija marbuta bil-Kostituzzjoni u bil-provvedimenti li jirrigwardaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. U skond l-istess Kostituzzjoni, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sede taghha Kostituzzjonali ghandha gurisdizzjoni originali biex tezamina jekk sehhx allegat ksur ta' dawk id-drittijiet. Inoltre ma tarax kif tista' din il-Qorti torbot lill-Qorti Kostituzzjonali kif jissuggerixxi l-intimat meta kull decizjoni taghha hija fi kwalunkwe kaz soggetta ghall-appell quddiem l-istess Qorti Kostituzzjonali.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat hija michuda.

***<u>Dwar it-tieni eccezzjoni ta' l-intimat</u>***

Jigi osservat li fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-Avukat Generali ma jikkummenta xejn dwar din l-eccezzjoni. Mill-banda l-ohra r-rikorrent iccita gurisprudenza lokali biex juri li huwa proprju l-Avukat Generali l-legittimu kontradittur. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghal dik il-gurisprudenza u tirreferi wkoll ghas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181B li jipprovdi:

*"L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."*

Fuq l-iskorta ta' dik il-gurisprudenza u a tenur ta' l-imsemmi subartikolu, huwa proprju l-Avukat Generali l-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni.

It-tieni eccezzjoni hi b'hekk ukoll michuda.

***Dwar it-tielet eccezzjoni ta' l-intimat u r-rimedju tar-rikuza***

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-Avukat Generali jispjega li b'din l-eccezzjoni ma jridx ifisser "illi jekk is-surrogi de quo jiksru d-drittijiet tar-rikorrenti allura r-rimedju hu r-rikuza tal-imhallfin surrogati. Dak li qieghed ighid l-esponenti fit-tielet eccezzjoni tieghu hu illi jekk quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li trid tiddeciedi dwar il-validita` tas-surrogi l-imhallfin komponenti l-istess Qorti ghandhom interess fil-kwistjoni tas-surroga, allura r-rimedju ghal dak l-interess u **bias** mhux li jsir rikors separat, izda illi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali stess l-imhallfin surrogati jigu rekuzati ghax ghandhom interess."

Il-Qorti ma tikkondividix dan il-hsieb ta' l-intimat. Il-Qorti diga` esprimiet il-fehma taghha li s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 46 ma jistax jigi interpretat li jichad id-drittijiet ta' l-individwu taht is-subartikolu (1) ta' l-istess artikolu 46. Barra minn hekk, jekk Qorti ma tkunx giet komposta regolarment hija ma tkunx tista' tibda tiffunzjona u tippronunzja ruhha fuq il-materja migjuba quddiemha. Ghalhekk irid l-ewwel jigi determinat jekk surroga tkunx saret validament imbaghad, f'kaz ta' ezitu pozittiv, dik il-Qorti stess li quddiemha tqajmet il-kwistjoni tar-rikuza, tghaddi biex tiddeciedi dwar l-istess rikuza (ara wkoll f'dar-rigward is-sentenza precitata fl-ismijiet "Onorevoli Imhallef Dottor Anton Depasquale vs Avukat Generali" deciza fl-4 ta' Settembru 2000 – rikors nru. 736/00 NA).

It-tielet eccezzjoni in kwantu hekk spjegata mill-intimat hija ghalhekk ukoll michuda.

***Dwar il-mertu***

Permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent qieghed jimpunja s-surroga ta' l-Onorevoli Imhallef Dottor Joseph Filletti li saret wara l-astensjoni ta' l-Onorevoli Imhallef Dottor Joseph D. Camilleri u s-surroga ta' l-Onorevoli Imhallfin Dottor Franco Depasquale u Dottor Albert J. Magri li saret wara li ntlaqghet l-eccezzjoni ta' rikuza fil-konfront ta' l-Unur Tieghu l-Prim Imhallef u ta' l-Onorevoli Imhallef Dottor Carmel A. Agius.

In materja l-Qorti taghmel riferenza l-ewwel ghall-provvedimenti relattivi tal-ligi taghna, u senjatament il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u l-Kostituzzjoni.

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 tal-Kap 12 jipprovdi li l-President ta' Malta ghandu jassenja lil kull wiehed mill-Imhallfin il-qorti jew sezzjoni tal-qorti li fiha ghandu joqghod, u jista' jbiddel imhallef minn qorti jew sezzjoni ta' qorti ghal ohra. Is-subartikolu (2) imbaghad ighid li l-President ta' Malta ghandu wkoll is-setgha li jissurroga wiehed iehor mill-imhallfin jew agent imhallef, minflok l-imhallef li jkun mahtur biex joqghod f'wahda partikolari mill-qrati, meta dan ikun, fil-kazijiet imsemmijin f'dan il-Kodici, rikuzat jew xort'ohra impedut skond il-ligi. Relatat ma' dawn il-poteri, is-subartikolu (13) ta' l-artikolu 101A tal-Kostituzzjoni jipprovdi:

> *"Is-setghat tal-President taht kull ligi, dwar is-surroga ta' l-imhallfin u l-magistrati u dwar tqassim ta' dmirijiet ta' l-imhallfin u l-magistrati, ghandhom jitwettqu fuq il-parir tal-Ministru responsabbli ghall-gustizzja, b'dan illi l-Ministru ghandu, fl-ghoti ta' dak il-parir lill-President, jagixxi skond ir-rakkomandazzjoni li tkun saritlu mill-Prim Imhallef".*

Ir-rikorrent jikkontendi li sija r-rakkomandazzjonijiet tal-Prim Imhallef u sija l-pariri tal-Ministru (kif ukoll l-intervent ta' l-Avukat Generali) fil-process li wassal ghall-ghazla ta' l-imhallfin nominati bis-surrogi impunjati jiksru d-dritt tieghu ghal smigh xieraq minn tribunal li jidher li huwa indipendenti u imparzjali.

Dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Prim Imhallef: Ir-rikorrent isostni li l-ghazla tat-tliet imhallfin biex jisimghu l-appell tieghu saret skond ir-rakkomandazzjoni ta'

Dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Prim Imhallef: Ir-rikorrent isostni li l-ghazla tat-tliet imhallfin biex jisimghu l-appell tieghu saret skond ir-rakkomandazzjoni ta' persuna li ddikjarat formalment li ma setghetx tisma' l-istess appell ghax fil-konfront taghha kienu jissussistu ragunijiet bizzejjed sabiex hija tigi rikuzata u ghalhekk tribunal kostitwit skond ir-rakkomandazzjoni ta' persuna li ma taghtix garanzija ta' imparzjalita` ma jistax jidher bhala tribunal imparzjali. Sostna wkoll li mhux koncepibbli li f'kawza fejn qed tigi dibattuta l-validita` o meno ta' certi poteri tal-Prim Imhallef, wahda mill-persuni li ghandha sehem fl-ghazla tal-gudikanti biex jisimghu dik il-kawza hija proprju l-Prim Imhallef.

Imparzjalita` tfisser "lack of prejudice or bias" (*Piersack v. Belgium,* Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, A 53 (1982)). F'*Hauschildt v. Denmark* (A 154 para 46 (1989)), il-Qorti Ewropea qalet:

> *"The existence of impartiality for the purpose of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge*

> *offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect."*

Fit-trattat taghhom "Law of the European Convention on Human Rights, l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick jikkummentaw hekk b'riferenza ghall-kazistika tal-Qorti Ewropea:

> *"As to the subjective test, the question is whether it can be shown on the facts that a member of the court 'acted with personal bias' against the applicant. In this connection, there is a presumption that a judge is impartial, 'until there is proof to the contrary'…*omissis*…The objective test of 'impartiality' is comparable to the English law doctrine that 'justice must not only be done: it must also be seen to be done'. In this contaxt, the Court emphasises the importance of 'appearances'. As the Court has stated, 'what is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused'. In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging impartiality is 'important but not decisive'; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be 'objectively justified'. If there is a 'legitimate doubt' as to a judge's impartiality, he must withdraw from the case."*

F'*Daktaras v Lithuania*, deciza mill-Qorti Ewropea fl-10 ta' Ottubru 2000 u li ghaliha ghamel riferenza r-rikorrent, irriaffermat dawn il-principji:

> *"The Court recalls that there are two aspects to the requirement of impartiality in Article 6 para. 1 of the Convention. First, the tribunal must be subjectively impartial, i.e. no member of the tribunal should hold any personal prejudice or bias. Personal impartiality is presumed unless there is evidence to the contrary. Secondly, the tribunal must also be impartial from an objective viewpoint, i.e. it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect (see Academy Trading Ltd. and Others v. Greece, no. 30342/96, 4.4.2000, para. 43)."*

Qalet ukoll:

> *"Under the objective test, it must be determined whether there are ascertainable facts, which may nevertheless raise doubts as to their impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all in the parties to the proceedings (ibid. para. 45)."*

Fil-kaz in ezami t-test soggetiv ma jippresta l-ebda diffikulta` peress li m'hemm l-ebda prova ta' "bias" personali da parti ta' l-Onorevoli Imhallfin surrogati u lanqas da parti tal-Prim Imhallef fir-rakkomandazzjonijiet tieghu, u lanqas jidher li r-rikorrent qed jallegah. Il-kontenzjoni principali tar-rikorrent tirrigwarda t-test oggettiv, cioe` li bil-fatt li s-surrogi saru fuq rakkomandazzjonijiet tal-Prim Imhallef, li kien gie rikuzat, ma jistax jiggarantixxi l-apparenza shiha ta' indipendenza u imparzjalita`. F'dar-rigward ir-rikorrent iccita l-imsemmija decizjoni tal-Qorti Ewropea *Daktaras v. Lithuania* fejn dik il-Qorti sabet li *"the applicant's doubts as to the impartiality of the Supreme Court may be said to have been objectively justified"* u konsegwentement iddikjarat li kien hemm ksur ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

Il-fatti f'dik il-kawza kienu s-segwenti: il-President tas-Sede Kriminali tal-Qorti Suprema pprezenta "cassation petition" quddiem l-imhallfin f'dik is-Sede wara talba li saret mill-imhallef tal-Prim'Istanza li ma kienx soddisfatt bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell. Il-President talab ir-revoka tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell u l-konferma tas-sentenza moghtija fil-Prim'Istanza. L-istess President imbaghad innomina l-"Judge Rapporteur" u l-komponenti tal-Qorti li kellha tezamina l-kaz. Il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-petizzjoni tal-President u l-Qorti Suprema eventwalment laqghet l-istess petizzjoni. Il-Gvern tal-Lithuania argumenta li r-rwol tal-President kien biss li jaghti opinjoni imparzjali u indipendenti fuq il-fatti u l-punti ta' dritt involuti fil-kaz. Il-Qorti Ewropea qalet li:

> *"the Court considers that such an opinion cannot be regarded as neutral from the parties' point of view. By recommending that a particular decision be adopted or quashed, the President necessarily becomes the defendant's ally or opponent."*
> *"In the present application the President was in effect taking up the case of the prosecution because at the cassation hearing the President's petition was contested by the applicant but endorsed by the prosecution which had not itself lodged a cassation appeal."*

U aktar 'il quddiem:

> *"when the President of the Criminal Division not only takes up the prosecution case but also, in addition to his organisational and managerial functions, constitutes the court, it cannot be said that, from an objective standpoint, there are sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt as to the absence of inappropriate pressure. The fact that the President's intervention was prompted by the first instance judge only aggravates the situation."*

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-imsemmija decizjoni tal-Qorti Ewropea ma tistax tigi applikata b'analogija ghall-kaz odjern. Ma jista' b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni jinghad li l-Prim Imhallef qieghed *"taking up the prosecution case"*. Kuntrarjament ghar-rwol tal-President tas-Sede Kriminali tal-Qorti Suprema tal-Lithuania li kien wiehed attiv, billi hu stess ipprezenta petizzjoni fil-kassazzjoni biex tigi revokata sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, rwol li huwa ghal kollox aljen ghas-sistema guridika ta' pajjizna, il-Prim Imhallef, laqa' t-talba ghar-rikuza tieghu fil-proceduri fl-istadju ta' l-appell. Certament dan kien mezz ta' kif il-gustizzja mhux biss issir izda anke tidher li qed issir, u dan in vista tal-fatt li huwa *Deputy Chairman* tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja mwaqqfa bl-artikolu 101A tal-Kostituzzjoni u dwar liema provvedimenti r-rikorrenti istitwixxa l-azzjoni originali tieghu. F'dik il-mansjoni, il-Prim Imhallef ma jista' jezercita l-ebda *"inappropriate pressure"* peress li mhix il-funzjoni tieghu li jipprezenta quddiem il-Qrati l-opinjoni tieghu bhal fil-kaz tal-President tas-Sede Kriminali tal-Qorti Suprema tal-Lithuania. Il-funzjoni tieghu hi, fil-kaz odjern, limitata ghar-rakkomandazzjonijiet li ghamel jew li jista' jaghmel taht l-artikolu 101A (13) tal-Kostituzzjoni, funzjoni li bl-ebda mod ma jista' jinghad li biha "ma jistax jiggarantixxi l-apparenza shiha ta' indipendenza u imparzjalita`" tal-komponenti tal-Qorti nominati skond ir-rakkomandazzjoni tieghu. Hija biss funzjoni manigerjali. Wara kollox anke l-Imhallef sedenti gie surrogat fuq rakkomandazzjoni ta' l-istess Prim Imhallef, u dwaru ma saret l-ebda oggezzjoni.

Ghalhekk il-preokkupazzjoni tar-rikorrent f'dar-rigward huwa infondat.

Dwar il-pariri tal-Ministru responsabbli ghall-gustizzja: Ir-rikorrent jilmenta li meta l-Ministru tal-Gustizzja ta l-pariri tieghu relativi ghas-surrogi impunjati, kienet effettivament il-parti avversarja ghalih li specifikament ghazlet il-gudikanti biex jisimghu l-appell kostituzzjonali pendenti bejnu u l-Gvern ta' Malta. U fir-rigward tas-surroga ta' l-Onor. Imhallef Filletti kien hemm ukoll intervent ta' l-Avukat Generali stess.

Fil-fehma tal-Qorti, ir-rizervi tar-rikorrent mhumiex fondati, u dan apparti dak li s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 85 tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar l-insindakabilita' da parti tal-Qrati ta' l-agir tal-President ta' Malta meta dan huwa mehtieg skond il-Kostituzzjoni li jagixxi fuq il-parir ta' xi persuna. In vista tal-fatt li saru l-provi relattivi, il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tezamina l-qofol ta' dak l-artikolu stante li fil-proceduri fi stadju tal-appell gew prodotti l-provi relattivi, senjatament ix-xhieda ta' Dr. Austin Gatt li fiz-zmien relattiv kien Segretarju Parlamentari fl-Ufficju tal-Prim Ministru

b'responsabbilta' ghall-Qrati tal-Gustizzja, u kopja tal-verbali ta' dik ix-xhieda esebita f'dawn il-proceduri.

Mix-xhieda tieghu moghtija fil-25 ta' Marzu 1999 jirreferi ghall-minuta ta' l-Avukat Generali li tghid *"Red 187 is a draft notice relating to the duties of Judges is (*sic!*) recommended by the Chief Justice. Subject to your approval you may wish to advice* (sic!) *His Excellency the President accordingly."* Din in-nota qed tirreferi lil dak iz-zmien Segretarju Parlamentari ghar-rakkomandazzjoni tal-Prim Imhallef. Oltre dan, il-kliem *"Subject to your approval"* huma superfluwi u skorreti peress li l-artikolu 101A(13) tal-Kostituzzjoni jorbot lill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja li *"jagixxi skond ir-rakkomandazzjoni li tkun saritlu mill-Prim Imhallef".* U hekk fil-fatt gara. Dr. Gatt ibbaza l-parir tieghu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Prim Imhallef. Jigifieri hu ma ghazel lil hadd izda agixxa skond il-Kostituzzjoni. U dan japplika ghaz-zewg surrogi impunjati. U billi gie diga' stabbilit li r-rakkomandazzjonijiet tal-Prim Imhallef ma setghux jiksru d-dritt tar-rikorrent ghas-smigh xieraq, *multo magis* il-pariri tal-ministru responsabbli ghall-gustizzja li agixxa skond dawk ir-rakkomandazzjonijiet. Din il-procedura ma tista' bl-ebda mod timpingi fuq l-imparzjalita' tal-gudikant fil-konsiderazzjonijiet li jkun ser jaghmel fuq il-mertu tal-kaz u ghalhekk la ghandha u lanqas tista' teffetwa d-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq. Il-bizghat tar-rikorrent ghalhekk mhumiex oggettivament fondati.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrent. Bl-ispejjez li stante c-cahda ta' l-eccezzjonijiet preliminari ta' l-intimat, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Onorevoli Imhallef
Dr. David Scicluna

D/Registratur